***ANNULLAMENT – ART 19 (1) (D) (F) – ATT DWAR IZ-ZWIEG***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis l-1 ta' Frar 2001**

**Kawza Numru: 21**
**Citazzjoni Numru: 2458/97/RCP**

**Josette Lungaro mart Jesmond Lauro**

**vs**

**Jesmond Lauro**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici fejn l-attrici ppremettiet:-

Illi l-partijiet ghamlu c-cerimonja taz-zwieg bejniethom skond kif jirrisulta mic-certifikat taz-zwieg esebit mac-citazzjoni bhala Dok A.

Illi lil kunsens tal-attrici kien vizzjat *ai termini* tal-artikolu 190 (1) (a) ghax inkiseb bi vjolenza, sew fisika sew moali, jew biza';

Illi b'din cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta' zwieg u dan peress li l-istess kuntratt kien vizjat, kif previst mill-artikolu 19(1)(d) tal- Kap 255, minhabba lil kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; u ghax inoltre il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba li inkiseb bl-esklussjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg kif previst mill-artikolu 190 (1)(f);

Illi lil kunsens tal-attrici kien marbut ma kundizzjoni li tirreferi ghall-futur skond kif hemm previst fl-artikolu 19(1)(g) tal-kap 255.

L-istess attrici talbet li l-konvenut jghid il-ghala din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara li z-zwieg li suppost gie celebrat bejn il-kontendenti, kif indikat fl-att taz-zwieg numru 623/90 hu null u bla effett, u dan kif previst fl-artiklu 19 tal-Kap 255, u specifikatament fl-artikolu 19(1)(a) ghax il-kunsens tal-attrici inkiseb bi vjolenza, sew fisika sew morali, jew biza'; inoltre kif hemm previst fl-artikolu 19(1)(d) minhabba lil kunsens tal-partijiet jew ta' wiehed minhom kien ivvizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; u inoltre ai termini tal-artikolu 19(1)(f) minhabba lil kunsens tal-partijiet jew ta' wiehed minnhom kien vizzjat minhabba li inkiseb bl-esklussjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizewwga jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg, oltre hekk minhabba l-fatt lil kunsens tal-attrici kien marbut ma kondizzjoni li tirreferi ghal futur ai

termini tal-artikolu 19 (1) (g) tal-Kap 255 tal-ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez ghall-kontroparti konvenut, li qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda, kif ukoll id-dokument esebit.

Rat li l-konvenut Jesmond Lauro gie debitament notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz ghas-smiegh, u ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Frar, 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. J. Demicoli biex tisma' l-provi kollha tal-kaz.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-24 ta' Marzu 1999; tas-27 ta' April 1999 fejn gie pprezentat l-affidavit tal-attrici u xehed il-konvenut in subizzjoni; tat-13 ta' Mejju 1999 fejn kompla jixhed Jesmond Lauro; tal-10 ta' Gunju 1999 fejn xehed Patrick Attard; tal-25 ta' Jannar 2000 u tad-19 ta' Lulju 2000 fejn l-attrici ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar.

Rat il-verbali tas-seduti tad-9 ta' Gunju 1999; tal-4 ta' Novembru 1999; tad-9 ta' Frar 2000; tal-11 ta' April

2000; tat-18 ta' Mejju 2000; tal-21 ta' Gunju 2000 u tal-25 ta' Ottubru 2000 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta' Frar 2001.

## II. MERTU TAL-KAWZA

Din hija kawza ta' annulament taz-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut Jesmond Lauro u dan ***ai termini*** **tal-artikolu 19 (1) (a), (d) u (f) tal-Att XXXVII tal-1975** li jirregola z-zwigijiet.

## III. PROVI

Illi mill-affidavits tal-attrici u mix-xhieda tal-konvenut irrizulta li huma kienu ltaqghu meta l-attrici Josette Lungaro kellha erbatax-il sena u kienet ghadha tmur l-iskola u l-konvenut kellu tmintax-il sena.

Illi fl-affidavit taghha **l-attrici** spjegat li fil-bidu missierha kien oppona li hi tohrog ma' Jesmond peress li hi kienet zghira u hu kellu karozza. Fl-istess xhieda hi spjegat li missierha kien impona certu regoli fuqhom, hi kienet tibza' minnu pero` huma xorta ghamlu ta' rashom u bdew jiltaqghu bil-mohbi. Illi konsegwentement hi spiccat iggieldet mal-familja taghha u damu kwazi

sentejn f'din is-sitwazzjoni u huma ma kienux johorgu, dejjem ghand ommu jew johorgu dawra bil-karozza. Postijiet ohra ta' divertiment ma kienux imorru minhabba biza li jsir jaf missierha. Inoltre` xehdet li wara xi xahrejn li kienu jafu 'l xulxin kellhom x'jaqsmu flimkien.

Illi sussegwentement missierha kien accetta s-sitwazzjoni u ffissaw is-7 ta' Ottubru 1989 bhala data taz-zwieg. Hi qalet li kieku missierha m'accettax kienet lesta li tizzewweg ta' sittax. Biss nonostante d-data ffissata huma la qatt hasbu ghall-post u lanqas biex ifaddlu. Illi huma baqghu ma tantx johorgu, u hi meta kienta tara lil shabha kienet tghir peress li hi ma setghetx tgawdi minhabba li kienet gharusa. Xi kultant ghaddielha hsieb li tinfired minn mieghu.

Illi meta ghalqet is-sbatax-il sena hi kienet tmur tghin lil missierha fix-xoghol tieghu ta' *catering*. Hi saret taf lil guvni jismu John, bdiet tohrog mieghu ghal tmien xhur. L-ewwel sitt xhur kienu hbieb pero` l-ahhar xahrejn dahlet l-imhabba bejniethom. Hi riedet tinfired minn ma' Jesmond ghax bdiet tara d-differenza bejniethom. Fil-fatt huma kienu nfirdu pero` hadd ma kien jaf b' din id-decizjon, u ghalhekk huma kienu jmorru ghand xulxin, johorgu flimkien imbaghad jinfirdu. Illi pero` ftit qabel miet missieru Jesmod kien beka hafna, hi thassritu u regghu rrangaw pero` hi xorta xtaqet li jkollha aktar

hbieb guvintur u sabet ukoll opportunita` li tahdem barra u ma setghetx minhabba fih. Hi qatt ma waslet li titilqu lill-konvenut.

Illi sena wara hi regghet rat lil John u harget mieghu, rat li dan kien tilef l-interess fiha u b'konsegwenza t'hekk qalet lil Jesmond Lauro li kienet thobbu u riedet titgharrsu. Hadu l-*'engagement'* u seba` xhur wara zzewgu.

Illi hi spjegat li meta zzewgu huma marru joqoghdu ghand ommu, u ghal bidu kienet kuntenta peress li setghu jaghmlu li jridu ghalkemm ommu kienet tgerger. Meta lanqas biss kienu ghalqu sena mizzewgin hi ghamlet xahrejn tohrog ma' haddiehor.

Illi hi kompliet tispjega wkoll ic-cirkostanza li waslet sabiex hi terga tiggieled mal-familja taghha u dan tort tieghu. Illi hi bdiet tahdem filghodu u filghaxija u tmur hdejn zewgha fil-bar. F'dak iz-zmien tant kellhom xoghol li ddecidew li fil-weekend johorgu ghalihom darba kull wiehed separatament. Sussegwentement huma ftehmu li jekk ikun hemm xi hadd tal-flus johorgu ma dak li jkun, sabiex ikunu jistghu jakkwistaw l-affarijiet.

Illi fl-istess affidavit Josette Lungaro kompliet tispjega kif Jesmond Lauro beda jipprova jqabbadha ma' haddiehor

u kif hu stess beda johrog ma haddiehor. Ill’ imbaghad hi bdiet tohrog ma’ certu wiehed Patrick. Illi zewgha ried jiehu *holiday* u kien qallha li ried kemm lil Patrick kif ukoll lil Mariella. Illi spjegat ukoll kif telghu flimkien l-Isvizzera u kif kellu f’mohhu li jipprofitta finanzjarjament minn Patrick.

Illi meta telghu l-Isvizzera l-erba` flimkien l-attrici raqdet ma’ Patrick, mentri l-konvenut raqad ma’ Mariella. Illi meta gew lura Malta krew flat u bdew joqoghdu huma tnejn flimkien ma’ Patrick. L-attrici kienet torqod lejl ma’ wiehed u lejl ma’ l-iehor. Damu sitt xhur joqoghdu flimkien, imbaghad beda l-glied u nfirdu kollha. Illi fl-ahhar hi qalet li tahseb li hu zzewwigha ghall-flus. Imbaghad spjegat kif waslet biex titlaq mid-dar u li wara li telqet damet xi tlett xhur tohrog ma’ Patrick. Imbaghad sussegwentement harget ma xi haddiehor.

Illi fix-xhieda taghha fit-13 ta’ Mejju 1999 l-attrici kkonfermat l-affidavit taghha. Inoltre` spjegat illi d-dar kienet imdejqa minhabba s-sikkatura li kella minn missierha specjalment rigward hinijiet. Ghalhekk hi hasbet illi biz-zwieg kienet se jkollha aktar liberta` ghax tkun tista` tohrog u ddum barra kemm trid filghaxija. Hi qalet li ma kienx hsiebha li taghmel pjanijiet ghall-hajja mizzewga peress li l-uniku skop kien li takkwista l-liberta` taghha.

Illi fix-xhieda tieghu **Jesmond Lauro** pratikament ikkonferma dak li qalet l-attrici fl-affidavit taghha. Hu kkonferma li ftit xhur qabel ma zzewgu hi kellha wicc haddiehor, pero` hu xorta ried jizzewwigha ghax ma riedx jinfired minn maghha. Hu cahad li zzewwigha minhabba l-flus li kien sellfu missierha.

Illi **Patrick Attard** xehed kif sar johrog ma' l-attrici u kif zvolgiet ir-relazzjoni taghhom. Hu wkoll ikkonferma u kkorobora ma dak li xehdet l-attrici rigwardanti r-relazzjoni taghhom.

## IV. KONSIDERAZZJONIJIET

L-attrici fil-premessi taghha tghid illi l-kunsens taghha kien vizzjat *ai termini* **tal-artikolu 19 (1) (a)** ghax inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'; kif ukoll li z-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; kif ukoll li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba li nkiseb bl-eskluzzjoni positiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed

jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg; u inoltre` li l-kunsens tal-attrici kien marbut ma kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Dawn l-erba` premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19(1) (a), (d), (f) u (g) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` **l-Att dwar iz-Zwieg.**

Qabel xejn il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenut hu kontumaci, xorta wahda din il-Qorti hi obbligata li tezamina l-provi sabiex tara jekk dak allegat mill-attrici jirrizultax ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi. Iz-zwieg hu istituzzjoni ferm importanti ghall-istabilita` socjali; zwieg debitament registrat skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili hu presunt validu sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju; u din il-Qorti anki jekk il-konvenut hu kontumaci ma hiex ezonerata f'kaz ta' kawza ghall-annullament taz-zwieg milli tisma' l-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub.

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** jghid:

*19. (1) "B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

(a) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza`;"*

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu, 2000) diga kellha okkazzjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza'. Illi fil-kaz odjern l-attrici ssottomettiet li z-zwieg taghha ghandu jigi dikjarat null peress illi kif inghad fid-dikjarazzjoni guramentata taghha hi bdiet tohrog ma' zewgha meta kellha circa erbatax-il sena. Pero` fid-dar tal-genituri taghha kienet issikata hafna u kellha biza` kbir minn missierha.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** (Imh. V. Degaetano P.A. deciza fl-14 ta' Awissu, 1995) inghad:

*"… … biex pressjoni indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irresistibli, cioe` trid*

*tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Inoltre` fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (Imh. S. Borg Cardona P.A. deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret esposizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi inoltre`, fil-kaz "**Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (Imh. F. Depasquale P.A. – deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilita` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza` tista` tkun ukoll "reverenzjali" bhal per ezempju l-biza` lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (22 ta' Novembru, 1982, P.A.) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza` ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed*

*jigi ntiz, biza` fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza` li taqa' taht l-***artikolu 19 (a)***.”*

Illi fil-kaz odjern l-attrici fl-affidavit taghha spjegat li hi kienet issikkata hafna d-dar minn missierha. Semmiet ukoll li kien ikun hemm diversi drabi fejn kien hemm glied mal-familja taghha. Pero` ma rrizulta li fl-ebda mument ma kienet imgieghla biex tizzewweg anzi rrizulta li specjalment fil-bidu tar-relazzjoni taghha missierha kien kontra tali relazzjoni. Imma ghalkemm hi xehdet li kienet tibza` hafna minn missierha pero` xehdet ukoll li nonostante li missierha kien kuntrarju hi xorta baqghet tiltaqa` mal-konvenut. Illi minn dan isegwi li tali sitwazzjoni familjari taghha ma tammontax ghall-vjolenza morali, fizika jew biza`.

Illi fic-citazzjoni l-attrici qed tissottometti li z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d), u (f)**. Illi l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ighid:-

*19. (1) "B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghall dik il-parti li taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dik is-sentenza, il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' Viladrich:

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern,*

*in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring. (Viladrich, P.J. Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essezjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the*

*provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (Vidadrich, P.J. Op. Cit., p. 687).

Illi fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad li:

*19. (1) "B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – 9 ta' Marzu, 2000) u skans ta'

ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre` fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."*

Illi finalment l-attrici nvokat ukoll is-**sub-artikolu (g) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap 255** li jispecifika li zwieg ikun null:

*(g) "jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma kundizzjoni li tirreferi ghall-futur."*

Illi mill-provi kollha prodotti rrizulta li kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut ma ppreparawx verament ruhhom ghaz-zwieg u lanqas ma fehmu f'hiex kien jikkonsisti. Illi mill-mod ta' komportament taghhom gie pruvat li l-kunsens taghhom kien vizzjat kemm a bazi tas-**sub-artikolu (d)** kif ukoll tas-**sub-artikolu (f)**. Il-partijiet urew li lanqas biss kienu jafu x'inhuma l-obbligazzjonijiet

essenzjali taz-zwieg kif deskritti aktar 'il fuq f'din l-istess sentenza. Illi inoltre` rrizulta wkoll li l-attrici ftit xhur qabel iz-zwieg kienet qed tohrog ma terza persuna. Illi mhux dan biss anki wara z-zwieg kienet waslet biex taghmel hekk. Tali komportament juri li fil-mument li nghata l-kunsens hi, ghalkemm qatt ma esprimiet ruhha f'dan is-sens, ma kellhiex intenzjoni tkun fidila lejn zewgha. *Di piu`* lanqas l-istess konvenut ma wera li hu kkuntratta z-zwieg bl-intenzjoni li jibqa` dejjem fidil lejn martu.

Illi ghal dak li jirrigwarda s**-sub-artikolu (g)** ma ngabux provi soddisfacenti sabiex dan jigi ppruvat.

Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti z-zwieg bejn il-kontendi jirrizulta null minhabba d-difetti ravvizati fil-**paragrafi (d) u (f) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap 255.**

## V. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa` t-talba attici** u tiddikjara z-zwieg bejn il-kontentendi kif indikat fl-Att taz-Zwieg numru 623/90 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi **a tenur tal-artikolu 19 (1) (d) u (f), tal-Att dwar**

**iz-Zwieg.**

Bl-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet stante li z-zwieg gie dikjarat null ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**1 ta' Frar 2001.**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**1 ta' Frar 2001.**